## Il-Ħadd 16.08.2020

1. It-Tlieta 18/08:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija,
     u wara mument ta' Adorazzjoni li jintemm bil-Barka Sagramentali.
     *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.)*

2. L-Erbgħa 19/08: **100 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Qniepen tal-Knisja tagħna (19/08/1920)**
   - Fis-7:00pm - Taħdita qasira b'informazzjoni dwar il-Qniepen, u
     Talba u Mota li tfakkar din il-ġrajja.

3. Is-Sibt 22/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - il-Quddiesa tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' qrabatna mejtin,
     li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.

4. Il-Ħadd 23/08:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. It-Tlieta 25/08:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li noffruha b'suffraġju għal dawk li mietu fi żmien ir-Restrizzjonijiet tal-Covid-19 u li saret id-difna bla Quddiesa:
     Catherine Zammit, Klement Busuttil, Joseph Gatt,
     Jacqueline Mary Cachia, Gregory (k/a Gori) Farrugia,
     Joseph Gerald Azzopardi, Karmenu Damato.

6. L-Erbgħa 26/08:
   - Fid-9:00am - Quddiesa d-Day Centre minn Dun Tony Pace.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin,
     speċjalment fl-Ommijiet u l-Missirijiet Mejtin.
     *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*

7. Avviżi oħra:
   - Bejn it-Tlieta 18/08 filgħaxija u l-Erbgħa 19/08 għandu jasal il-Fuljett speċjali tal-Festa. Min is-soltu jqassam il-fuljetti mitlub jiġbru mis-Sagristija. Biss għandna bżonn distributuri ġodda għal ċerti toroq. Għalhekk dawk li jixtiequ joffru s-servizz tagħhom f'dan il-qasam javviċinawni, anke għax għal Settembru ser jerġa' jibda jkun ipprintjat il-Magazine FLIMKIEN, biex jitqassam fid-djar.

8. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - It-Tnejn 17/08 it-trakk tar-riċiklaġġ tal-*Wasteserv*: *Sort It Out* ser ikun quddiem il-Kunsill Lokali mit-8:00am sa 12:00pm. Ser jitqassmu ukoll l-4 bramel tar-riċiklaġġ, mingħajr ħlas għal min għad ma ħadhomx. Ippreżentaw il-karta tal-identità.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 102 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
   - € 910 mill-envelopes b'risq il-Festa u l-Karità
   - € 40 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.